ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 479**

**It-Tnejn 10 ta' Lulju, 2017**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Mark Grech – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Joseph Bonnici – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**479.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

479.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Bonnici fejn talab li jiġi skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Bonnici jiġi skużat.

479.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Vella fejn talab li jiġi skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella jiġi skużat.

479.1.3 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Brian Spiteri fejn talab li jiġi skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Brian Spiteri jiġi skużat.

**479.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

479.2.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fil-paragrafu 478.3.7 u minflok il-kliem '*jitneħħa t-taraġ'* jidħol il-kliem 'tiġi rranġata l-bankina'.

479.2.2 Il-minuti tal-478 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace.

**479.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

479.3.1 Triq il-Kunvent u Triq iċ-Ċawsli – Is-Sindku qal li l-ġimgħa l-oħra s-Sur Mark Grech kiteb lill-Prim Ministru fuq dawn it-toroq u wara Transport Malta u l-Kuntrattur Bonnici nfurmaw lill-Kunsill li x-xogħol ser jibda din il-ġimgħa. Sa llum għadu ma beda xejn u jekk jibqa' ma jibda xejn, nerġgħu nibgħatu lill-Prim Ministru u lil Bonnici dan għaliex għandna kollox bil-miktub.

479.3.2 Misraħ San Nikola – Is-Sindku qal li din il-pjazza ser titnaddaf minn fuq s'isfel u konsegwentement tingħalaq. Is-Sur Vella Bonnici qal li hu iltaqa' mad-Direttur tal-*Joint office* fejn infurmah li l-art li hija tal-Gvern. Din l-informazzjoni ser tiġi kkonfermata wkoll mal-knisja biex naraw jekk kinitx inbiegħet li xi terzi persuni. Pero mill-informazzjoni li hemm tidher li l-art ingħatat lill-Gvern.

479.3.3 Is-Sindku qal li l-*parking* mhux ser jiġi affettwat. Il-ġimgħa l-oħra huwa ltaqa' mal-perita u ser nistennew l-eżitu b'permezz tal-pjanti. Hekk kif tiġi l-konferma li tal-Gvern irridu nibdew il-proċess tad-devoluzzjoni. Is-Sindku reġa' tenn li l-parking mhux ser jiġi affettwat. Is-Sur Vella Bonnici qal li kif ikollna l-pjanti f'idejna inkunu nistgħu nerġgħu nitkellmu.

479.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-bankina ta' quddiem il-bini tal-Kunsill tlestiet u saret mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma bi spejjeż għalihom.

479.3.5 Is-Sindku qal ukoll li l-bankina ta' quddiem il-Bank of Valletta tlestiet ukoll bi spejjeż għall-BOV u s'issa jidher li ma kienx hemm ilmenti u kwestjonijiet.

479.3.6 Is-Sindku qal li ħdejn l-għajn tal-bhejjem tnaqqset parti mill-bankina u b'hekk żdiedu ħames *parking* oħra li jistgħu jidħlu bil-quddiem. Ir residenti ħadu gost bihom.

479.3.7 Is-Sindku qal li l-ħarġa għal Għawdex ittellgħet mis-Sur Joseph Buttigieg u ta' dan bix-xieraq li jingħadlu prosit għaliex kien suċċess u attendew 110 persuni u l-*helpers*.

479.3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-taraġ ta' wara l-iskola tneħħa wkoll pero' ma setax jiżdied ħafna l-parkeġġ minħabba li hemm ħafna garaxxijiet. Hu kompla u qal li r-*railing* ta' quddiem l-iskola issa ġie ordnat.

479.3.9 Is-Sindku qal li kellna kwestjoni fuq il-bankijiet tal-bandli u għalhekk ser jiġu ordnati erba' bankijiet ġodda. Hu kompla u qal li l-bank ta' taħt id-dell irid isir *tailor made* u waħdu jiswa madwar ~~€2000~~ €6,000 u għalhekk mhux għaqli li jsir. Is-Sindku semma l-bżonn li jinstab post fil-bandli sabiex issir *gazebo.*' Emendati

479.3.10 Is-Sindku qal li tkellem mal-Onorevoli Clifton Grima tal-isports fuq il-possibiltà li l-*ground* tal-bandli jiġi msaqqaf biex b'hekk ikun jista' jintuża mill-iskejjel bħala *multipurpose ground*, għall-edukazzjoni fiżika u mhux għall-futbol biss. Hu kompla u qal li tkellem mal-perita u għandhom isiru pjanti fuqu.

479.3.11 Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-Perita fil-Masġar taż-Żebbuġ ħdejn il-*ground* tal-futbol biex naraw x'inhi l-possibilta li jsir *dog park* u post ta' rikreazzjoni.

479.3.12 Is-Sindku qal li hemm aġġornament fuq il-Berġa fejn inħareġ *tender* mill-Ministeru biex tiġi rranġata u tingħata lill-Kunsill. Issa nistennew biex tiġi aġġudikata u jsir ix-xogħol.

479.3.13 Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-Onorevoli Clint Camilleri u hemm il-ħsieb li jsir tpartit tal-kamra li għandna bħala *reception* ma' żewġt ikmamar li hemm fuq il-posta fiċ-Ċentru Ċiviku stess.

*479.3.14* Is-Sindku qal li kellu laqgha mal-kumitat ta' San Mikiel u fejn dawn qed jipproponu li ssir maratona ta' 5 kilometri f' Ħaż Żabbar nhar is-27 t' Awwissu. L-istess Kumitat talab biex din l-attività ssir kollaborazzjoni mal-Kunsill u għalhekk ġiet għal-laqgħa tal-lum. Sar qbil unanimu li din l-attività tittella' b'kollaborazzjoni mal-Kunsill u l-Kunsill jiffinanzja €2,000 mill-ispejjeż. Bħala spejjeż issemmew *it-timing equipment,* il-*wardens* u ambulanzi fost oħrajn.

479.3.15 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill sistema ta' *one way* li diġa konna qiegħdin f'komunikazzjoni ma' Transport Malta dwarha. Hu qal li nibdew minn Triq Felice li ssir *one way* minn Triq ix-Xgħajra għal Triq Santa Duminka jiġifieri li tidħol biss u jkun hemm ukoll *no turn left* minn Triq Strickland. L-uffiċjali ta' Transport Malta għoġbithom u issa rridu ninfurmaw lir-residenti li ser isir dan it-tibdil u nieħdu l-*feedback* mingħandhom.

479.3.16 Is-Sindku qal li imbagħad nistgħu ukoll naraw il-possibiltà li l-*bus stop* "Santwarju" jitressaq għal quddiem il-ħanut tal-*mobiles* biex jitnaqqas it-traffiku fi Triq is-Santwarju pero' l-ewwel nibdew mis-sistema tat-triq u jekk tkun suċċess naħdmu fuq tal-*bus stop*.

479.3.17 Is-Sindku qal li għandna talba minn St. Patrick's F.C biex isir riċeviment u qed jitolbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Għalhekk sar qbil unanimu li din l-attività ssir b'kollaborazzjoni tal-Kunsill u jsir finanzjament ta' €1,000.

**479.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

479.4.1 Is-Sur John J Pace staqsa fuq il-problema ta' Triq Bormla li fejn fuq il-GPS Triq Bormla Zabbar hija ndikata t-triq li nafuha wkoll bħala taċ-Ċawsli bejn Ħaż Żabbar u ż-Żejtun. Is-Segretarju qal li hu diġa fittex xi nformazzjoni lil min irridu nkellmu pero' l-ewwel ma rridu nagħmlu hu li naraw jekk din it-triq hijiex verament konfini Ħaż-Żabbar jew Żejtun għaliex mhux ideali li jkollok żewġ toroq bl-istess isem. Għalhekk sar qbil ukoll li nagħmlu talba lill-Kumitat tal-ismijiet tat-toroq u nikkupjaw ukoll lill-Kunsill Lokali taż-Żejtun.

479.4.2 Is-Sur Joseph Buttiġieġ staqsa jekk il-*belisha lights* li hemm fi Triq ~~ix-Xgħajra~~ Labour jistgħu isir *pelican lights* kulħadd qabel ma' din il-proposta. Emendati

479.4.3 Is-Sur Joseph Buttigieg qal li dwar l-arblu ta' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi tkellem mal-Grupp tal-Armar u qalulu li ser iġibu tlett arbli tal-*istainless steel* biex magħhom ikun hemm bandiera ta' Ħaż-Żabbar, oħra ta' Malta u oħra tal-Unjoni Ewropea.

479.4.4 Is-Sur Joseph Agius staqsa dwar il-fondi tal-EU u xtaq ikun jaf jekk dawn il-fondi ikunux għad-delegazzjoni tagħna biss jew anke għal min ikun ġej. Is-Sindku spjega kif il-Kunsill ta' Ħaż Żabbar ilu japplika għal dawn il-fondi ta' skambji taż-żgħażagħ għal dawn l-aħħar tlett snin fejn tnejn minnhom ġew rifjutati u issa waħda ġiet aċċettata. Il-Kunsill tkellem mal-Ambaxxatriċi Taljana u għamilna kuntatt ma' villaġġ fl-Italja, Cesena. Il-fondi Ewropej jikkonsistu billi jkollok somma allokata biex tintuża għall-iskambju ta' żgħażagħ biss u li ma' kull grupp ta' ħmistax- il żagħżugħ irid ikun hemm żewġ *leaders* li jistgħu ikunu akbar fl-eta`. Bħala *leader* fil-proġett li ser ikollna sejrin Stephanie Testaferrata De Noto u Reuben Pullicino. Il-proġett huwa spjegat ċar. Il-Kunsill ta' Ħaż Żabbar ingħata €22,000 u l-*partner* l-ieħor ingħata l istess ammont u jridu jieħdu ħsieb tagħhom għalihom. Iż-żgħażagħ minn Cesena mbagħad hemm il-pjan li jiġu Malta f'

Settembru. Is-Sur Joseph Vella ra li jikkuntattja l-għaqdiet kollha ta' Ħaż-Żabbar biex ikun hemm parteċipazzjoni ta' għaqdiet kollha flimkien mal-Kunsill.

479.4.5 Is-Sur John J Pace xtaq li jrodd ħajr lis-Sindku u jgħidlu prosit għaliex qiegħed iżomm l-għaqda bejn l-għaqdiet kollha ta' Ħaż-Żabbar.

479.4.6 Is-Sindku għamel appell u qal li l-unika safra li l-Kunsill jagħmel bi spejjeż tal-Kunsill hija ta' Eshborn u qal li dejjem jingħata ċans lil kulħadd. L-iskambji ma jkunux *holiday* imma jkun hemm programm sħiħ ta' *workshops* u laqgħat fuq suġġetti varji bħal mobiltà u ċ-ċittadinanza.

479.4.7 Is-Sur Mark Grech qal li fi Triq il-Klin għandna ħerba fis-*soft areas* hemm telqa kbira u hemm bżonn żbir. Għalhekk irridu nieħdu ħsiebu mill-aktar fis.

479.4.8 Is-Sur Grech qal ukoll li l-*ground* tas-St. Patrick's hemm fuq in-naħa tal-lemin nadif imbagħad ix-xellug hemm ħafna ħmieġ.

479.4.9 Is-Sur John J Pace qal li Triq Lia hemm bżonn li jsir *yellow line* u meta jkun hemm il-*buses* ma jkunux jistgħu jgħaddu sewwa.

479.4.10 Is-Sinjura Anna Calleja xtaqet tagħti l-kondoljanzi lill-familja ta' Beatrice Brockdorff u pproponiet li nibgħatulhom kartolina ta' simpatija mill-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu.

479.4.11 Is-Segretarju ressaq rapport ta' aċċident mis-Sur Kurt Micallef il-Kunsill qabel li nghadduha lill-Avukat.

479.4.12 Premju Nazzjonali b' Hilti wasalt.

**479.5 Ħatra ta' Viċi-Sindku;**

479.5.1 Ħatra ta' Viċi-Sindku – Is-Sindku qal li wara r-riżenja tas-Sur Dominic Agius huwa jipproponi lil Mark Grech biex jokkupa din il-kariga. Is-Sur Joseph Buttigieg issekonda.

**479.6 Aġġudikazzjoni ta' kuntratti:**

- **Works Manager Project Co-Ordinator (ZLC 4/2016)**

479.6.1 Aġġudikazzjoni ta' *tender* tal-*project management* u wara li ġie ppreżentat tal-bord tal-Aġġudikazzjoni sar qbil unanimu li tintgħażel l-offerta tal-Perit William Lewis minħabba li kienet l-irħas waħda fost dawk li kienu eleġibbli u ppreżentaw id-dokumenti kollha.

### 479.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

479.7.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-13 ta' Ġunju 2017 u t-10 ta' Lulju 2017 li kienet tammonta għal €26,720.98.

### 479.8 Mozzjonijiet

479.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

### 479.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

479.9.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 10 ta' Lulju, 2017.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-480 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 7 ta' Awwissu, 2017.

IFFIRMATA

Marc Vella Bonnici
Sindku